**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 252/07VG**

**Christopher Zarb**

**Vs**

**Torki Solaiman**

**Illum 15 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Christopher Zarb fl-14 ta' Awwissu 2007 permezz ta' liema jitlob li Torki Solaiman jigi kkundannat ihallsu s-somma globali ta' tlett elef erba' mija u tnejn u disghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm3,492.80), illum ekwivalenti ghal €8,136.03, konsistenti in kwantu ghas-somma ta' elfejn disa' mija u sittin Lira Maltija (Lm2,960), illum ekwivalenti ghal €6,894.94, rapprezentanti bilanc minn prezz akbar ghal ghamara mahduma ghalih u lilu fornita u supplita, u in kwantu ghas-somma ta' hames mija tnejn u tletin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm532.80), illum ekwivalenti ghal €1,241.09, rapprezentanti VAT fuq l-imsemmi bilanc, bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta f'Dicembru 2006, kontra l-imsemmi Torki Solaiman;

Rat ir-Risposta ta' Torki Solaiman permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut peress illi fl-ewwel lok ix-xoghol ta' l-ghamara li kellu jsir mill-attur ma sarx fiz-zmien miftiehem bejniethom skond il-ftehim li kien gie ffirmat minnhom, Dok. "A" anness mar-Risposta, bir-rizultat li l-attur a kawza tad-dewmien ezagerat tieghu kellu jhallas penali, liema penali teccedi l-ammont dovut lill-istess attur u ghalhekk u ghal kull buon fini saret tpacija; (ii) jekk xi ammont huwa dovut lill-attur, l-ammont mitlub minnu huwa ezagerat billi skond il-ftehim iffirmat minnhom, il-bilanc li huwa kellu jhallas lill-attur huwa biss ta' Lm2,350.00, illum ekwivalenti ghal €5,474.02, kompriza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; (iii) l-ghamara fornita mhijiex tal-kwalità pattwita billi fiha diversi difetti u dana kif già gie kkomunikat lill-attur f'ittra datata 6 ta' Dicembru 2006, Dok. "B" anness mar-Risposta; (iv) ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tal-konvenut markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 13 sa' 15 tal-process;

Rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Gunju 2008[1] , tat-22 ta' Jannar 2009[2], tat-18 ta' Frar 2009[3] u tal-15 ta' Ottubru 2012[4] u rat id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-18 ta' Marzu 2009 a fol. 36 sa' 41 tal-process, semghet ix-xhieda ta' George Vassallo moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011[5] u rat id-dokument, ossia disinn tal-kitchen unit li l-attur kellu jaghmel ghall-konvenut, markat Dok. "TS1" esebit mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Marzu 2011 a fol. 53 u 54 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Ottubru 2011[6] u tat-22 ta' Novembru 2011[7], rat ir-ritratti markati Dok. "LB1" u Dok. "LB2" esebiti mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Frar 2012 a fol. 63 sa' 65 tal-process, rat l-affidavit ta' Josella Terribile esebit mill-konvenut permezz ta' Nota ipprezentata fit-12 ta' Marzu 2012 a fol. 66 sa' 68 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Josella Terribile moghtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Mejju 2012[8] u tal-15 ta' April 2013[9];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' Lm3,492.80, illum ekwivalenti ghal €8,136.03, konsistenti in kwantu ghas-somma ta' Lm2,960, illum ekwivalenti ghal €6,894.94, rapprezentanti bilanc minn prezz akbar ghal ghamara mahduma ghall-konvenut u lilu fornita u supplita, u in kwantu ghas-somma ta' Lm532.80, illum ekwivalenti ghal €1,241.09, rapprezentanti VAT fuq l-imsemmi bilanc.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut peress illi fl-ewwel lok ix-xoghol ta' l-ghamara li kellu jsir mill-attur ma sarx fiz-zmien miftiehem bejniethom skond il-ftehim li kien gie iffirmat minnhom, Dok. "A" anness mar-Risposta, bir-rizultat li l-attur a kawza tad-dewmien ezagerat tieghu kellu jhallas penali, liema penali teccedi l-ammont dovut lill-istess attur u ghalhekk u ghal kull buon fini saret tpacija; (ii) jekk xi ammont huwa dovut lill-attur, l-ammont mitlub minnu huwa ezagerat billi skond il-ftehim iffirmat minnhom, il-bilanc li huwa kellu jhallas lill-attur huwa biss ta' Lm2,350.00, illum ekwivalenti ghal €5,474.02, kompriza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; (iii) l-

[1] Fol. 23 sa' 27 tal-process.
[2] Fol. 29 sa' 31 tal-process.
[3] Fol. 33b sa' 34 tal-process.
[4] Fol. 75 tal-process.
[5] Fol. 48 sa' 50 tal-process.
[6] Fol. 57 u 58 tal-process.
[7] Fol. 60 tal-process.
[8] Fol. 71 sa' 73 tal-process.
[9] Fol. 88 sa' 93 tal-process.

għamara fornita mhijiex tal-kwalità pattwita billi fiha diversi difetti u dana kif già ġie kkomunikat lill-attur f'ittra datata 6 ta' Diċembru 2006, Dok. "B" anness mar-Risposta; (iv) għaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti jirriżultaw is-segwenti fatti:

- L-attur kien ħadem ammont ta' bibien għall-konvenut għall-valur komplessiv ta' Lm1,630, illum ekwivalenti għal €3,796.87[10];
- Sussegwentement, il-konvenut inkariga lill-attur biex jaħdimlu kċina u kamra tas-sodda, li komplessivament kellhom jiġu jiswew Lm3,400, illum ekwivalenti għal €7,919.87[11];
- Mal-ftehim dwar il-kċina u l-kamra tas-sodda, l-attur u l-konvenut ftehmu ulterjorment illi l-kamra tas-sodda kellha tiġi installata fil-fond tal-konvenut sa' l-1 ta' Awwissu 2006 u l-kċina kellha tiġi installata sal-15 ta' Awwissu 2006 u li f'każ ta' dewmien l-attur jeħel penali għad-dewmien fl-ammont ta' Lm10 kuljum għal kull jum ta' dewmien tul l-ewwel ħmistax-il ġurnata mid-data miftehma għall-installazzjoni u fl-ammont ta' Lm25 kuljum għal kull jum sussegwenti ta' dewmien. Il-ftehim kien jistipula wkoll li *this agreement gives the right to Mr. Torki Solaiman to refuse the furniture if it results not to be up to standard or if it is not fitted in place within fifteen (15) days of the stipulated agreed dates, including Saturday and Sunday*[12]*;*
- Bħala fatt il-kċina u l-kamra tas-sodda ma ġewx konsenjati w installati entro t-termini ta' żmien miftehma;
- L-attur jikkontendi li dan id-dewmien kien riżultat dirett tad-diversi tibdiliet mitluba mill-konvenut kemm fil-kċina kif ukoll fil-kamra tas-sodda waqt l-esekuzzjoni tax-xogħol, filwaqt li l-konvenut jiċħad dan kollu u jgħid li d-dewmien kien attribwibbli unikament lill-attur u jinsisti li l-attur weħel il-penali kif stipulat fil-ftehim ta' bejniethom bil-konsegwenza li llum ma għandu jagħti xejn lill-attur in kwantu seħħet tpaċija bejniethom.

In kwantu rigwarda l-istitut tat-tpaċija, fuq liema hija msejsa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għat-talba attriċi, l-Artikoli 1196 u 1197 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija. (2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa' fejn ikunu ndaqs* [Artikolu 1196]. *(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ fungibbli ta' l-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu. (2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità* [Artikolu 1197].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi joħroġ ċar li t-tpaċija sseħħ biss meta l-estremi hemm previsti effettivament jissussistu. Fir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti prinċipji ġuridiċi applikabbli in materja:

[10] Dok. "B" a fol. 39 tal-process.
[11] Dok. "C" a fol. 40 tal-process.
[12] Fol. 41 tal-process.

- *It-tpacija hija meqjusa mill-Ligi bhala wahda mill-modi li bihom tintemm obbliazzjoni. Biex issehh it-tpacija, ghalhekk, jehtieg li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, ghal kollox jew f'bicca, obbligazzjoni ohra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpacija, meta tigi eccepita, tammonta ghal stqarrija ta' gharfien ta' l-obbligazzjoni li kontra taghha t-tpacija ssir. Kemm hu hekk, inghad li t-tpacija hija ammissjoni ta' l-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;*
- *Fit-tpacija 'i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della lora coezistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge. ...;*
- *It-tpacija tista' titqies bhala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu indaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sa' l-ammont ta' l-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibda skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboqq 'il dak li jkun icken*;
- *Il-Ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta' tpacija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli ta' l-ewwel forma imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha;*
- *Biex tista' ssehh it-tpacija legali jehtieg jintwera li: (a) jkun hemm zewg djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux ta' l-istess qies jew valur); (b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin; (c) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantità; u (e) li d-djun ikunu dovuti u jistghu jintalbu;*
- *Fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li jintwera 'l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito'. Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorità interpretattiva li 'la compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioè in una sorta di complesso conteggio a proposito del quale non può parlarsi di compensazione in senso tecnico'[13];*
- *L-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, in materja ta' kumpensazzjoni, jipprovdi fl-ewwel subinciz tieghu illi 'meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom it-tpacija'. Din in-norma tippostula qabel xejn illi l-partijiet jkunu kredituri u debituri reciprokament lejn xulxin. Tippresupponi wkoll l-awtonomija tar-rapporti li ghalihom jirreferu l-krediti kotnrapposti tal-partijiet. Li jfisser li t-tpacija ma toperax ruhha jekk il-krediti johorgu mill-istess rapport negozjali. F'kaz bhal dan jista' se mai ikun hemm tpacija f'sens improprju, ossia s-semplici accertament kontabbli ta' dak li wiehed ghandu jaghti jew jircievi;*

[13] John Camilleri et noe v. Charles Vassallo, Citaz. Nru. 478/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2011 u Felix Mifsud noe v. Joseph Camilleri Fava noe, Citaz. Nru. 692/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2002.

- *Jinsab stabbilit, imbaghad fl-Artikolu 1197, illi t-tpacija ma ssehhx ipso jure kif jinghad fl-Artikolu 1196(2) jekk iz-zewgt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi. Hekk lanqas ma ssehh jekk wiehed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-ohra jew ikun kontestat. Naturalment il-kontestazzjoni ghall-pretiz kreditu, biex teskludi t-tpacija ma tridx tidher prima facie pretestwuza*[14].

Meta l-fatti tal-kaz in ezami jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji guridici appena citati jirrizulta immedjatament evidenti li bejn l-attur u l-konvenut ma sehhitx, ghaliex guridikament ma tistax issehh, ebda tpacija kif pretiz mill-konvenut.

Dato ma non concesso li l-kcina u l-kamra tas-sodda gew konsenjati mill-attur lill-konvenut u installati fil-fond ta' l-istess konvenut fl-1 ta' Ottubru 2006 u fit-28 ta' Novembru 2006 rispettivament[15], b'dana li l-pretensjoni tal-konvenut tista' tigi likwidata bla tahbit kbir, jibqa' l-fatt li: (i) **il-pretensjoni tal-konvenut hija kontestata mill-attur**. L-attur in fatti jikkontendi li z-zmien ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet twal mhux minhabba raguni imputabbli lilu imma minhabba d-diversi tibdiliet li l-konvenut ghamillu fix-xoghol kif orndat tul l-esekuzzjoni ta' l-istess xoghol u proprio minhabba tali tibdiliet, il-konvenut stess kien jghidlu li mhux se jinsisti fuq il-penali ghad-dewmien. Ghalhekk skontu huwa ma ghandu jaghti lill-konvenut l-ebda ammont rapprezentanti l-penali ghad-dewmien; u (ii) **il-krediti reciproci tal-partijiet kontendenti ma humiex awtonomi minn xulxin izda jirrizultaw mill-istess u uniku rapport guridiku ta' bejniethom**. Mill-provi prodotti kjarament jirrizulta li l-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti jirrizultaw mill-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut meta gew ordnati il-kcina u l-kamra tas-sodda, ftehim dan esebit fl-atti a fol. 40 u 41 tal-process. B'hekk la l-krediti rispettivi ma humiex awtonomi minn xulxin izda johorgu mill-istess rapport negozjali, ma huwiex kaz ta' tpacija vera e propria imma hija se ma kwistjoni ta' accertament kontabbli ta' dak li wiehed ghandu jaghti jew jircievi.

Il-Qorti tosserva li filwaqt li l-attur iddeduca l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut bil-proceduri odjerni, il-konvenut, b'mod guridikament inkonsult, ghazel li jressaq biss l-eccezzjoni tat-tpacija *ipso jure* u mhux ipproceda wkoll bid-debita kontro-talba[16] biex b'hekk il-pretensjoni tieghu se mai setghet tigi legittimatament ikkunsidrata minn din il-Qorti u jekk pruvata, likwidata, ghall fini li, kif già osservat iktar 'l fuq, ikun jista' jsir l-accertament kontabbli ta' dak li wiehed ghandu jaghti jew jircievi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ma hijiex gustifikata u b'hekk ma tisthoqqx li tigi milqugha.

---

[14] Julian Cachia et noe v. John Borg, Citaz. Nru. 1146/94 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2005, Paul Cauchi v. HSBC Bank Malta p.l.c., Appell Civili Nru. 147/07 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Frar 2010, u Iceberg Refrigeration Services Limited v. Albert Debono ezercitanti fil-kummerc bl-isem D&S Maintenance, Appell Civili Nru. 609/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005.

[15] Vide xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011, fol. 57 u 58 tal-process.

[16] Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta: *Fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jinghad hawn taht: (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li mnnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.*

Il-konvenut jeccepixxi wkoll illi l-ammont mitlub mill-attur huwa ezagerat in kwantu skond il-ftehim iffirmat bejnu u l-attur, il-bilanc minnu se mai dovut lill-attur huwa dak ta' Lm2,350, liema ammont jinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni jigi l-ewwel qabel kollox osservat li bl-eccezzjoni tat-tpacija sollevata mill-konvenut, l-istess konvenut gie li ammetta li huwa debitur ta' l-attur fl-ammont minnu (ossia l-attur) pretiz. Fi kwalunkwe kaz però, minn din it-tieni eccezzjoni jirrizulta li ta' l-inqas il-konvenut jammetti li hija dovuta minnu lill-attur is-somma ta' Lm2,350, illum ekwivalenti ghal €5,478.68, liema somma skontu tinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u li tirrizulta bhala l-bilanc dovut mill-ftehim iffirmat bejniethom[17]. Jirrizulta ghalhekk li l-kontestazzjoni tal-konvenut se mai tirrigwarda d-differenza ta' Lm1,142.80, li mill-prospett esebit mill-attur a fol. 37 tal-process tikkonsisti: (i) fl-ammont ta' Lm325, illum ekwivalenti ghal €757.04, pretiz mill-attur bhala bilanc dovut ghall-bibien manifatturati w installati ghall-konvenut b'inkarigu precedenti ghal dak tal-kcina u l-kamra tas-sodda; (ii) fl-ammont ta' Lm50.00, illum ekwivalenti ghal €116.46, li huwa d-*discount* li l-attur jikkontendi llum intilef mill-konvenut peress illi baqa' ma hallasx il-bilanc dovut fir-rigward tax-xogholijiet tal-kcina u tal-kamra tas-sodda; (iii) fl-ammont ta' Lm70.00, illum ekwivalenti ghal €163.05, rapprezentanti *extra works* fil-kamra tas-sodda - tea trays tal-komodina; (iv) fl-ammont ta' Lm75, illum ekwivalenti ghal €174.70, rapprezentanti *extra works* fil-kamra tas-sodda relattivament ghall-iskultura, (v) fl-ammont ta' Lm90.00, illum ekwivalenti ghal €209.64, rapprezentanti *extra works* fil-kcina; u (vi) it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq dawn l-ammonti ammontanti ghal Lm109.80, illum ekwivalenti ghal €255.76 u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq il-bilanc ta' Lm2,350 ammontanti ghal Lm423, illum ekwivalenti ghal €985.32.

L-ewwel ammont pretiz mill-attur, oltre dak ta' Lm2,350 già ammess bhala dovut mill-konvenut, huwa dak ta' Lm325 rapprezentanti l-bilanc dovut ghall-bibien manifatturati w installati ghall-konvenut b'inkarigu precedenti ghal dak tal-kcina u il-kamra tas-sodda. Fir-rigward ta' tali bilanc l-attur jikkontendi li: *Jiena nahdem fl-injam. Ghandi ditta bl-isem ta' "Dream Design". Fix-showroom ghandi salesman li jismu William Rizzo u kien gie habib tieghu jismu Salvu jordna xi bibien. Waqt li kien hemmhekk qallu jistax ukoll jaghmel xi xoghol ghall-konvenut Torki Solaiman li wkoll ghandu bzonn l-istess tip ta' bibien ghax kellhom proprjetà fl-istess blokka. Wara illi saret l-ordni bdejna x-xoghol kemm ta' Salvu kif ukoll tal-konvenut u lestejnihom it-tnejn. Wahhalnihom fil-post. Salvu hallasni mill-ewwel izda l-konvenut qaghad jittituba u ma hallasnix, però l-konvenut beda jhallas ftit ftit. Daqqa jaghtini mitt lira u daqqa mitejn. Meta konna kwazi wasalna fl-ahhar il-konvenut qalli biex nahdimlu kcina u main bedroom. ... Sadanittant però il-konvenut kien ghadu jrid ihallas ghall-bilanc tal-bibien però dan baqa' ma hallashomx sa' llum*[18].

Fir-rigward ta' din il-pretensjoni ta' l-attur il-konvenut iddikjara li: *fl-2006 jiena kont nikri appartament f'Gulju Street, San Pawl il-Bahar. Fl-istess blokka fejn*

[17] Fol. 40 tal-process.
[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2008, fol. 23 u 24 tal-process.

*kont nikri dan l-appartament kelli zewg appartamenti ohra li kont qed nirrangahom biex inkun nista' mmur noqghod fihom u nhalli l-kera ta' fejn kont. Christopher Zarb kellu jaghmel xi xoghol f'dawn l-appartamenti tieghi, fil-fatt kellu jaghmel xi xoghlijiet ta' bibien interni u esterni kemm fl-appartament tieghi kif ukoll fl-appartament ta' faccata. Konna ftehmna zmien meta kellu jsir dan ix-xoghol però ix-xoghol kien sar tard. Irrid nippreciza li dawn il-bibien mhumiex mertu ta' din il-kawza. Il-valur ta' dawn il-bibien jiena hallastu lill-attur. Fir-rigward ta' dawn il-bibien, jiena lill-attur ma naqqastlu xejn mill-prezz mitlub. Il-ftehim ta' dawn il-bibien kien kollu verbali, madanakollu jiena nikkonferma li ghal dawn il-bibien jiena hallastu kollox. Ghalkemm il-bibien gew ikkonsenjati tard, jiena ma ridtx, biex nghid hekk, ikolli xi nghid ma' Christopher Zarb u fil-fatt kont ghedtlu li ridt naghmel xoghol ta' kamra tas-sodda u ta' kcina u hu kien accetta li jagheml dan ix-xoghol*[19]. Dejjem fir-rigward tal-pretensjoni ta' l-attur ghall-hlas tal-bilanc dovut ghax-xoghol ta' bibien, Josella Terribile, mart il-konvenut, in risposta ghall-mistoqsija *naqblu li kien ghamlilkom anke xi bibien is-Sur Zarb?* wiegbet *imma dak m'ghandix x'naqsam jiena, dak kien qabdu Torki qabel ma, ma nafx ghax ma konniex flimkien*[20].

Fir-rigward ta' l-eccezzjoni/affermazzjoni tal-pagament huwa principju guridiku assodat li: *huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni ta' l-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant …*[21]

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami l-Qorti ma tqisx li l-konvenut - kontra l-prova imressqa mill-attur dwar il-bilanc dovut lilu ghax-xoghol ta' bibien esegwit fuq inkarigu tal-konvenut, ossia l-Order Form a fol. 39 tal-process minn fejn jirrizulta *breakdown* car ta' kif l-attur wasal ghall-bilanc finali ta' Lm325 - irnexxielu jressaq prova tali li ma thalli ebda dubju f'Mohha li huwa effettivament hallas l-ammont intier minnu dovut ghal tali xoghol ta' bibien. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-attur irnexxielu jressaq prova iktar kredibbli dwar din il-pretensjoni partikolari tieghu versu l-konvenut milli rnexxielu l-istess konvenut dwar il-pagament relattiv minnu allegat.

Mill-prospett imhejji mill-attur u esebit a fol. 37 tal-process jirrizulta li huwa qed jesigi minghand il-konvenut hlas fl-ammont globali ta' Lm235, illum ekwivalenti ghal €547.40, rapprezentanti xoghlijiet *extra* ordnati mill-konvenut fir-rigward tal-kcina u tal-kamra tas-sodda waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet. In kwantu rigwarda ix-xoghlijiet fuq il-kcina u l-kamra tas-sodda, l-attur jikkontendi li: *ghal dak li huwa materjal ahna ftiehmna li fuq il-faccati fejn jidher l-ghamara tkun maghmula minn 'solid oak' però fejn ma jidhirx fuq in-naha ta' wara jkun hemm il-malamine. Ftiehmna wkoll fuq data meta kellu jitlesta x-xoghol u meta iffirmajna kollox bdejna nahdmu. Meta l-kcina kienet kwazi lesta l-konvenut beda jaghmilli t-tibdil li kien differenti minn dak li konna ftiehmna originarjament. Per*

[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011, fol. 57 tal-process.
[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' April 2013, fol. 91 tal-process.
[21] Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et, Appell Civili Nru. 1590/94 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003.

*ezempju dahhal id-dishwasher li ma kienx originarjament fil-pjanta u din peress li ghandha bieb wiesgha kien jehtieg li ssir kalkolazzjoni mill-gdid tal-bibien l-ohra, liema bibien kienu digà lesti. Biex nakkomodah kelli nbiddel gemb shih. Ezempju iehor huwa l-broom cupboard fejn fid-disinn originali kien fuq ix-xellug hekk kif tidhol fil-kcina u dana riedha fuq il-lemin. Dana kien jinvolvi bdil fit-top cupboards. Ghalhekk kwazi kelli naghmel kcina mill-gdid. Il-konvenut kien jigi l-fabbrika jara x-xoghol isir u jaghmilli ordnijiet u bdil. Anke meta wasalna biex narmaw il-kcina fil-fond tal-konvenut ukoll f'dak l-istadju beda jitlob bdil, bhal bibien li ma riedhomx wisghin u pprefera tnejn dojoq. ... Il-kcina tlestiet kif riedha il-konvenut u twallhet fil-post, imbaghad bdejna l-bedroom. Dina kienet tikkonsisti f'sodda, zewg komodini, zewg gwardarobbi u nahseb gradenza. Il-materjal kellu jkun solid oak fuq il-faccati fejn jidher u fuq wara jsir chipboard li jkun takkeb ghall-lostru. Meta ghamilna l-kuntratt kien hemm disinn li konna ftiehmna fuqu però beda jaghmilli l-istess bhalma ghamel fil-kcina. Waqt li kien ghaddej ix-xoghol beda jitlobni naghmel varjazzjonijiet bhal per ezempju beda jdahhalli skultura fil-komodini u fil-gwardarobbi li ma konniex ftiehmna fuqu. Dan ix-xoghol ma naghmlux jien. Bil-fors irrid inqabbad lil haddiehor. Biddilli wkoll il-mod kif kellhom ikunu s-saqajn u hawn ikkuntetajtu wkoll. Il-main bedroom kienet kwazi lesta l-fabbrika meta l-konvenut talabni naghmel dan il-bdil però kien jonqosha l-ispray*[22]. Meta kompla jixhed waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2009, l-attur iddikjara: *nista' nikkonferma illi l-konvenut kien ghazel kamra tas-sodda li kien hemm fix-showroom u qalli biex naghmillu wahda bhal dik, però b'xi differenzi. Dawn id-differenzi ddiskutejnihom dak il-hin. Dakinhar id-differenzi li kien talab kienu biss rigward il-gwardarobba, li riedha f'bicctejn minflok f'bicca wahda. Kien hemm alterazzjonijiet ohra imma qalli bihom wara. Dawna kienu jirrigwardaw skultura u bdil tas-saqajn. Is-sett li kelli fix-showroom kien fih xi skultura. Minnbarra l-iskultura li kien hemm fil-kampjun li kien fix-showroom il-konvenut talabni naghmillu skultura ohra fuq il-wicc tal-gradenza u fiz-zewg komodini fejn fuq wara kien hemm splay*[23].

Da parte tieghu l-konvenut iddikjara li fix-showroom tieghu l-attur: *kellu diversi kmamar tas-sdodda u kcejjen armati. Ahna konna ghazilna kamra tas-sodda mix-showroom ta' l-attur stess u konna ghednilu li l-kamra taghna ridniha bhala. Fir-rigward tal-kcina ahna konna tkellimna ma' l-attur x'ridna u x'kellna bzonn u kif ridniha mqassma u nhareg id-disinn. Id-disinn fil-fatt kien ghamlu xi hadd mill-impjegati ta' l-attur u dak l-istess disinn gie mehmuz mal-kuntratt kif fl-ahhar ghamilna ma' l-attur. Qed nigi muri disinn a fol. 54 tal-process u nikkonferma li dak huwa d-disinn tal-kcina li ghadni kif semmejt. Fir-rigward tal-kamra tas-sodda m'hemm l-ebda disinn ghaliex kif gia ghedt rajna kamra tas-sodda ghidnielu li ridniha bhala. Ma' l-attur jiena kont wasalt fi ftehim li gie redatt bil-miktub. ... Sakemm gew esegwiti x-xoghlijiet kont ripetutament immur ix-showroom ta' l-attur u gieli mort anke darbtejn kuljum. ... L-attur semma li jiena ghandi dishwasher, izda dan jiena nichdu u nghid li jiena sa' llum il-gurnata m'ghandi l-ebda dishwasher fil-kcina tieghi. Fir-rigward tal-kamra tas-sodda huwa kkonsenja l-istess kamra tas-sodda kif rajniha fis-showroom*[24]. Meta rega'

[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2008, fol. 23 sa' 25 tal-process.
[23] Fol. 29 tal-process.
[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011, fol. 57 u 58 tal-process.

xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2011, il-konvenut tenna li: *kif gjà spjegajt meta xehedt fis-seduta precedenti, il-kamra tas-sodda li jiena ghandi d-dar tieghi hija l-istess wahda li l-attur kellu fix-showroom u jiena m'ordnajt l-ebda forma ta' extra works fir-rigward. Fir-rigward ta' xoghlijiet fil-kcina nghid li ghalkemm jiena ghandi microwave, dishwasher m'ghandix. Fuq domanda tal-Qorti nghid li fil-kcina lanqas hemm provdut spazju ghad-dishwasher*[25].

Fir-rigward tax-xoghlijiet esegwiti, fl-affidavit[26] taghha Josella Terribile ddikjarat li: *ghazilna kamra tas-sodda preciz bhal dik li kellu fix-xowroom izda ghamilna xi tibdiliet, fosthom is-saqajn ta' l-ghamara kollha tal-kamra tas-sodda kellhom ikunu bun feet, modifikazzjoni tal-mera tat-twaletta, skultura forma ta' fjura fuq ir-ras tas-sodda u l-bicca ta' fuq il-gwardarobba, il-gradenzi u l-injama ta' madwar il-mera tat-twaletta; zidna sliding tray taht il-wicc tal-komodini u ordnajna gwardarobba zghira ohra. Il-lavrant li kien jiehu hsieb ix-xowroom, bl-approvazzjoni ta' Christopher Zarb, ha nota li ahna konna rridu l-kamra tas-sodda preciz bhal dik tax-xowroom imma bil-modifikazzjonijiet kollha li semmejt. Dan sar kollu fuq l-orndi, ftehmna il-prezz u stabilixxejna d-data meta tkun lesta u tkun fil-post. ... Fir-rigward tal-kcina, ahna mxejna fuq disinn li kellu inkorporat il-forn, il-hob, l-extractor, is-sink, built-in fridge, microwave u washing machine. Ma kellna l-ebda dishwasher imsemmija u lanqas ghadna presentement f'din il-kcina. Ix-xoghol tal-kcina kellu jsir skond dan id-disinn, li ghamel il-lavrant ta' Christopher Zarb, bil-prezz miftiehem u bil-penali fil-kaz li ma kinitx imwahhla fil-post sad-data miftehma. Ahna qatt ma tlabna xi xoghol zejjed u fl-ebda hin ma biddilna l-ordni.*

Huwa evidenti li fir-rigward ta' dawn l-*extra works*/alterazzjonijiet pretizi mill-attur il-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet kontrastanti ghal xulxin: l-attur li jishaq li huwa ghamel tali *extra works*/alterazzjonijiet fuq inkarigu tal-konvenut u l-konvenut li min-naha l-ohra jishaq li qatt ma ordna tali *extra works*/alterazzjonijiet. Fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak, Citaz. Nru. 462/02** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003: *fid-dawl ta' dawn iz-zewg verzjonijiet kontrastanti, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilità u verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia v. Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi Civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". Fil-camp Civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.*

[25] Fol. 60 tal-process.
[26] Fol. 67 u 68 tal-process.

*Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia v. Farrugia", 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo'.*

Ikkunsidrati l-verzjonijiet moghtija miz-zewg nahat, ossia mill-attur min-naha l-wahda u l-konvenut u Josella Terribile min-naha l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni ta' l-attur hija iktar verosimili u per konsegwenza kredibbli mill-verzjoni moghtija mill-konvenut u Josella Terribile.

Jibda biex jinghad li in kwantu rigwarda x-xoghol tal-kamra tas-sodda, il-konvenut u Josella Terribile ma jaqblux bejniethom dwar alterazzjonijiet li setghu gew ordnati u dana ghalkemm entrambe jishqu li ordnaw il-kamra tas-sodda flimkien. Filwaqt li l-konvenut jishaq li huma ordna l-kamra tas-sodda bhall-kamra tas-sodda li l-attur kellu fix-showroom u ma ntalbu alterazzjonijiet, Josella Terribile tghid li ghalkemm huma kienu ordnaw il-kamra tas-sodda bhal dik li l-attur kellu fix-showroom, huma kienu - dak il-hin stess li ghamlu l-ordni - talbu xi alterazzjonijiet. Dejjem skond Josella Terribile dawn l-alterazzjonijiet tnizzlu fl-ordni stess izda, meta l-Order Form relattiva tigi kkunsidrata - fol. 13 il-kopja ta' l-Order Form esebita mill-konvenut stess mar-Risposta tieghu - kull ma jirrizulta minnha huwa: *oak bedroom "Deanine" consisting of - wardrobe 9FT & 3 Ft. Bed 78" x 66" W/B & F/B, 2 bedside tables, chest & 4 drawers & dressing table w/mirror & stool. Stain cognac.* Huwa evidenti li l-alterazzjonijiet kollha imsemmija minn Josella Terribile mhumiex imsemmija fl-Order Form li invece tghid biss li giet ordnata oak bedroom "Deanine", li presumibilment huwa l-isem tal-mudell tal-kamra tas-sodda li l-attur kellu fix-showroom, u li ntghazlet mill-konvenut u Terribile. B'hekk, l-alterazzjonijiet li bla dubju ta' xejn saru fil-kamra tas-sodda ordnata minghand l-attur ma sarux ma' l-ordni kif allegat minn Terribile imma saru man man li kien qed jigi esegwit ix-xoghol mill-attur.

Fattur iehor li juri li huwa iktar probabbli li l-alterazzjonijiet ordnati kemm fil-kamra tas-sodda kif ukoll fil-kcina gew ordnati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet, huma l-mawriet ferm frekwenti tal-konvenut, li fi kliemu stess gieli anke darbtejn kuljum, fil-fabbrika ta' l-attur. Jekk verament kien hemm kollox miftiehem xi bzonn kellu l-konvenut li sa' mill-bidunett tal-ftehim ma' l-attur jmur daqshekk ta' spiss il-fabbrika biex jara l-andament tax-xoghol? L-unika risposta plawsibbli hi li mal-kors tax-xoghlijiet il-konvenut beda jaghmel alterazzjonijiet ghall-istess.

Il-Qorti appozitament tghid li l-alterazzjonijiet gew ordnati kemm fil-kamra tas-sodda **kif ukoll** fil-kcina u dan ghar-raguni li in kwantu rigwarda l-kcina, l-unika kontestazzjoni tal-konvenut u ta' Josella Terribile hija fir-rigward tad-dishwasher u mhux ukoll fir-rigward ta' l-alterazzjonijiet l-ohra imsemmija mill-attur.

Ghal dak li jirrigwarda alterazzjonijiet li kellhom isiru minhabba d-dishwasher, ghad illi l-konvenut u Terribile entrambe jsostnu li huma ma kellhomx u ma ghandhomx dishwasher fil-kcina, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta minn dak

minnhom affermat. In effetti ghalkemm permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Frar 2012 il-konvenut esebixxa, fi kliemu stess, ritratti tal-kcina tieghu, Dok. "LB1" u Dok. "LB2" a fol. 64 u 65 tal-process, stranament dawn ir-ritratti ma jurux kwadru komplut tal-kcina b'mod partikolari tal-parti ta' isfel tal-kcina. Ir-ritratt markat Dok. "LB1" juri biss il-hanging cupboards tal-kcina u r-ritratt markat Dok. "LB2" juri biss l-parti tal-built-in microwave, tal-built-in washing machine u tal-built-in fridge. Mill-iskizz esebit mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Marzu 2011, fol. 54 tal-process, li skontu huwa *kopja tal-pjanta tal-kitchen units li l-esponenti kien ftiehem ma' l-attur*, jirrizulta li l-kcina tikkomprendi units u partijiet iktar minn dawk li jidhru fir-ritratti in kwistjoni u ghalhekk dawk ir-ritratti ma jistghux jittiehdu bhala konferma sodisfacenti ta' dak sostnut mill-konvenut u minn Josella Terribile, u cioè li l-attur ma kellux ghalfejn jaghmel alterazzjonijiet fil-kcina minhabba dishwasher ukoll.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tirribadixxi li ghal dak li jirrigwarda xoghlijiet esegwiti, u b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda *extra works*/alterazzjonijiet, il-verzjoni ta' l-attur hija iktar verosimili u per konsegwenza kredibbli mill-verzjoni moghtija mill-konvenut u Josella Terribile. Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

In fine l-konvenut jeccepixxi wkoll li l-ghamara fornita mill-attur ma hijiex tal-kwalità pattwita billi fiha diversi difetti.

Wara li kkunsidrat il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut ukoll ma tistax tirnexxi u dana minhabba nuqqas ta' provi sodisfacenti fir-rigward.

Jibda biex jinghad li ghalkemm il-konvenut jeccepixxi li l-ghamara fornita lilu mill-attur ma hijiex tal-kwalità pattwita billi fiha diversi difetti, meta xehed quddiem il-Qorti waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011 huwa ddikjara li *l-kwistjoni li ghandi ma' l-attur hija minhabba l-fatt illi l-kcina u l-kamra tas-sodda gew konsenjati tard.* Imkien fix-xhieda tieghu ta' l-10 ta' Ottubru 2011 u tat-22 ta' Novembru 2011[27], ma jsemmi xejn dwar allegati difetti fl-ghamara konsenjata lilu mill-attur. Dawn l-allegati difetti jissemmew biss minn Josella Terribile li fl-affidavit taghha iddikjarat li: *meta twahhlet l-ghamara fil-post ahna wkoll gharrafna lil Christopher dwar xi difetti dwar kif kien sar ix-xoghol, izda dan injorana u qatt ma rrangahomlna sal-gurnata ta' llum* u fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[28] iddikjarat illi: *meta gie x-xoghol jiena mal-ewwel urejt lill-attur li ma kontx kuntenta, per ezempju l-bieba tal-frigg kellha l-ingroppi fiha, jiena gieli hdimt bl-oak u sa fejn naf jiena ma jkollux ingroppi. F'wahda mill-bibien suppost kellha tigi hgiega stained glass, u ghadha hekk sallum dejjem jghid li ha jaghmilha u qatt m'ghamilha. Il-pjanta li kienet saret ma' l-ordni originali ghandna kopja taghha. Ghalkemm fl-affidavit tieghi ma semmejtx specifikament ix-xogholijiet li ma sarux sew, jiena fl-istess affidavit iddikjarajt li kien hemm xi xogholijiet li m'ghogbuniex. Fil-kamra tas-sodda wkoll kien hemm xi difetti fir-railings fejn*

[27] Fol. 60 tal-process.
[28] Fol. 71 sa' 73 tal-process.

*indendlu l-hwejjeg. Overall id-difetti li ma konniex kuntenti bihom huma: l-bieba tal-frigg li kienet bl-ingroppi u l-istained glass li ghadha vojta u lanqas hgiega normali m'ghamlilna. Fil-kamra tas-sodda imbaghad kien hemm ir-railings tal-gwardarobba li l-hin kollu jaqghu u dawn suppost ikunu fixed. Jiena qed nara d-drawing a fol. 54 tal-process u nikkonferma li dan kien id-drawing originali li kien sar. Dan kien sar mil-lavrant tal-attur u kont prezenti meta sar dan id-drawing. Qed nimmarka l-post fejn suppost saret l-istained glass fuq il-pjanta a fol. 54 u dan qed jigi mmarkat b'salib go cirku. Fuq id-drawing il-parti mhazza fuq is-sink hija tieqa. Il-cooker ghandu hgiega bhal cookers normali. Irrid nghid pero' li fuq il-parti ta' l-istained glass, il-fatt li mhijiex imhazza ma jfissirx li ma kellux ikun hemm hgiega; jekk ma hazziziex kien il-lavrant tieghu stess li ma hazziziex. Qed nigi mistoqsija ghalfejn fuq dan id-disinn fejn suppost giet il-hgiega ma gietx immarkata l-hgiega nghid li ma nistax nirrispondi u se mai huwa l-lavrant ta' l-attur li jrid jirrispondi ghal din id-domanda. Il-cupboard in kwistjoni sallum ghadu vojt u fil-fatt kull m'ghandu frame tal-injam u l-bqija vojt. Dana fil-fatt juri li l-ftehim kien li din kellha tigi tal-istained glass. Mhuwiex minnu li ahna tlabna li ssir stained glass wara l-ordni u wara li sar il-disinn. Meta kien qed isir id-disinn ma kontx tajt kaz li l-bieba ma kienetx immarkata biex issir hgiega; nghid il-verità li kieku mhux ghax ingibditli l-attenzjoni issa waqt li qed naghti x-xhieda lanqas kont indunajt.*

Nonostante dak allegat minn Terribile però, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' l-istess lanqas jew imqar fir-ritratti tal-kcina minnu stess esebiti. In effetti f'dawn ir-ritratti ma jidhru l-ebda ingroppi fil-bieb tal-built-in fridge u lanqas ma jidher cupboard li ghandu frame ta' l-injam biss. Mhux biss il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti dwar dawn l-allegati difetti fl-ghamara provduta mill-attur talli, jigi ribdadit, huwa stess iddikjara li l-kwistjoni li ghandu ma' l-attur tikkocerna biss id-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet li l-attur kien inkarigat jesegwixxi ghalih.

B'hekk il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni wkoll ma hijiex gustifikata u bhala tali ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Minkejja dak kollu hawn osservat, il-Qorti tqis li jehtieg tindirizza kwistjoni ohra rizultanti mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, u cioè l-kwistjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mitluba mill-attur fit-talba tieghu.

Mill-prospett esebit mill-attur a fol. 37 tal-process jirrizulta li *inter alia* fuq il-bilanc dovut ghall-bibien u fuq il-bilanc dovut ghall-kcina u ghall-kamra tas-sodda huwa qed jitlob il-hlas tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bir-rata ta' 18%. Mill-ftehim relattivament ghax-xoghol ta' bibien esebit a fol. 39 tal-process u mill-ftehim relattivament ghall-kcina u kamra tas-sodda esebit a fol. 40 tal-process, jirrizulta però li l-attur indika l-valur tax-xoghlijiet bhala **valur wiehed** ossia l-valur komplessiv ta' Lm1,630 ghall-bibien u l-valur komplessiv ta' Lm3,400 ghall-kcina u kamra tas-sodda **minghajr ma identifika l-ammont ta' Taxxa Fuq il-Valur Mizjud relattiva ghal tali xoghlijiet**. A tenur ta' l-Artikolu 49(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, *fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas taht dan l-Att ma jkunx identifikat fi hlas ghal provvista taxxabbli jew fi prezz imhallas, hlief ghal ffattur jew dokument li jservi bhala fattura mahruga minn persuna taxxabbli lil*

*persuna taxxabbli ohra, ghal provvista taxxabbli,* ***dak il-hlas jew prezz ghandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa***. Fid-dawl ta' dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta ghalhekk li l-ammonti ta' Lm1,630 u ta' Lm3,400 relattivi ghall-bibien u kcina u kamra tas-sodda mahduma w installati mill-attur ghall-konvenut **jinkludu** it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u ghaldaqstant l-attur ma jistax jerga' jzid it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq il-bilanci lilu dovuti ghall-bibien, kcina u kamra tas-sodda. B'hekk l-ammont attwalment dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' Lm2,960 - illum ekwivalenti ghal **€6,894.95** - rapprezentanti l-bilanc dovut ghall-bibien, il-bilanc dovut ghall-kcina u kamra tas-sodda u l-valur ghall-*extra works* u alterazzjonijiet mahduma mill-attur, flimkien mas-somma ta' Lm42.30 - illum ekwivalenti ghal **€98.53**, rapprezentanti l-VAT fuq ix-xoghol ta' extra works u alterazzjonijiet, ghal total komplessiv ta' **€6,993.48** - ekwivalenti ghal Lm3,002.30.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament però sa' l-ammont ta' €6,993.48 - ekwivalenti ghal Lm3,002.30 - u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €6,993.48, bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta' Dicembru 2007, id-data tal-prezentata tar-Risposta tal-konvenut, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**